MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 81/2008

Joseph Bugeja

Vs

Kunsill Lokali Victoria

Il-Qorti,

**Stharrig ta' eghmil amminisrattiv**.

Rat ir-rikors prezentat fit-28 ta' Lulju 2008 li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab:

Hu detentur ta' permess ossia licenza sabiex jaghmilha ta' bejjiegh f'post fiss (*fixed hawker*) ghall-bejgh ta' prodotti tal-hut u affini fi Pjazza Indipendenza kantuniera ma' Triq San Giusepp, Victoria, Ghawdex.

Il-licenza inghatat lilu ferm qabel il-promulgazzjoni tal-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc (Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta) fl-1 ta’ Jannar 2002 u tmur lura sal-1987.

Dan il-permess jindika precizament il-post minn fejn ghandu jezercita in-negozju tieghu, u appuntu ghalhekk tintuza il-frazi *‘hawker at a fixed site’* fil-permess.

Ricentement il-Kunsill Lokali Victoria hareg bi proposti bis-sahha ta’ liema il-post minn fejn l-esponenti ghandu jezercita in-negozju tieghu sejjer jinbidel u sejjer jigi spustat ghal parti ohra minn Pjazza Indipendenza.

Fit-termini tal-Avviz Legali 1/2006, u precizament ir-regolament 13, sub-regolamenti 3 u 4, licenzi u permessi li kienu fis-sehh qabel il-promulgazzjoni tal-Kap. 441, u tal-imsemmi Avviz Legali huma soggetti ghal disposizzjonijiet tal-ligi specifici u partikolari, differenti minn dawk illi jirregolaw il-permess illi jinhargu wara dak id-dhul fis-sehh.

B’mod partikolari meta tkun inharget licenzza taht l-Att dwar il-Licenzi tal-pulizija qabel id-dhul fis-sehh ta’ dak l-avviz legali, il-kondizzjonijiet tal-licenza relativa ghal dik il-licenza ghandhom jibqghu japplikaw dwar dik il-licenza, kemm–il darba id-detentur tal-licenza ma jaghzilx, b’applikazzjoni illi ssir fuq il-formola addatta, li jkollu il-licenza tieghu mahruga b’riferenza ghal kategoriji u tipi differenti. U meta ma ssirx din l-ghazla *‘ma ghandu jithalla isir ebda tibdil, zjieda jew xi emenda ohra f’dik il-licenzja’*.

L-attur ma wettaqx l-ghazla illi ghaliha jirreferi is-subregolament 4 tar-regolamenti 13 fuq citat, u ghalhekk ebda tibdil ma jista jithalla jsir dwar il-licenza tieghu.

L-esponenti jemmen illi dan id-divjet japplika kemm ghat tibdil illi jkun jixtieq iwettaq l-attur kif ukoll ghal tibdil illi jkunu jridu jimponu fuqu l-awtoritajiet kompetenti.

Minkejja dan, il-Kunsill Lokali Victoria dan l-ahhar hareg bi skema skond liema il-post minn fejn l-attur ghandu

jezercita n-negozju tieghu u fejn huwa ghandu jarma il-post fiss tieghu sejjer jinbidel, u b'dan detriment ghalih.

Ghaldaqstant l-agir tal-Kunsill Lokali Victoria twettaq *ultra vires*, ghaliex imwettaq minn awtorita' pubblika illi ma ghandhiex l-awtorita' illi twettaq tali ghemil, u jikkostitwixxi abbuz tal-poteri fdati fl-istess Kunsill Lokali u huwa mod iehor kuntrarju ghall-ligi.

Minkejja illi l-attur ipprotesta kontra dan l-agir tal-Kunsill Lokali bi protest ufficjali debitament notifikat lill-Kunsill, u sahansitra prova iwaqqaf dan l-ghemil permezz ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, Mandat nru. 46/2008PC fil-ismijiet premessi, il-Kunsill Lokali jidher illi mhux ser jieqaf mill-agir.

Ghalhekk l-attur talab lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenut skond liema il-post minn fejn ir-rikorrenti ghandu jezercita in-negozju tieghu u fejn huwa ghandu jarma il-post fiss tieghu sejjer jinbidel twettaq *ultra vires*, ghaliex imwettaq minn awtorita' pubbliku ma ghandhiex l-awtorita' illi twettaq tali ghemil, u jikkostitwixxi abbuz tal-poteri afdati fl-istess Kunsill Lokali u huwa mod iehor kuntrarju ghall-ligi.

2. Konsegwentement tirrevoka u thassar id-decizjoni tal-kunsill f'dan is-sens u tordna illi minflok, l-attur ghandu jibqa' jarma ghan-negozju tieghu mill-post fiss illi minn dejjem kien armat fih.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fit-2 ta' Settembru 2008 (fol. 9), il-kunsill konvenut eccepixxa:

1. It-talbiet attur huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

2. M'huwiex minnu li l-konvenut agixxa *ultra vires*, jew b'mod kuntrarju ghall-ligi kif allegat mill-attur.

3. Il-Kunsill ghandu kull dritt li bid-diskrezzjoni assoluta tieghu jalloka l-posti f'suq fil-berah u dan fost l-ohrajn abbazi ta' dak li jirrizulta mill-Artikoli 14 (1) u 24 ta' l-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc (Kap 441), ir-regolament numru 5 ta' l-Avviz Legali 119 ta' l-2002. Konsegwentement l-attur m'ghandux dritt li jindaga jew jitlob stharrig dwar din id-diskrezzjoni moghtija bil-ligi lill-Kunsill.

4. Inoltre r-regolament 13 l-Avviz Legali 1/2006 ma japplikax fir-rigward tal-kaz tar-rikorrenti u fi kwalunkwe kaz ma jimpedix id-diskrezzjoni tal-Kunsill milli jbiddel l-allokazzjoni tal-bejjiegha fil-posta.

5. Inoltre l-inqas m'huwa minnu li bid-decizjoni tieghu in kwistjoni, l-konvenut abbuza mill-poteri afdati lilu jew li hareg bl-iskema l-gdida tal-posti ta' Pjazza Indipendenza minghajr ebda raguni jew ghal ragunijiet hziena. Anzi huwa agixxa u ddecieda bl-iktar mod ragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti kollha, inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Rat ukoll in-nota prezentata minn Joseph Bugeja fit-8 ta' Lulju 2008 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 46/2008 fl-ismijiet **Joseph Bugeja vs Kunsill Lokali Victoria**, u li saret riferenza ghaliha fin-nota li pprezenta l-attur fil-5 ta' Novembru 2008 (fol. 17).

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu 2009 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti tal-kawza huma s-segwenti:-

a. L-attur hu bejjiegh bil-posta fis-suq fil-berah ta' Victoria, Ghawdex. In-negozju hu bejgh ta' hut.

b. L-attur ghandu 45 sena u ilu jahdem f'dan in-negozju sa minn meta hareg mill-iskola. Qablu n-negozju kien imexxieh missieru.
c. L-attur ipprezenta licenzja mahruga mill-pulizija fid-19 ta' Marzu 1987 u valida sal-31 ta' Dicembru 1987 sabiex jaghmilha ta' *"....a hawker at a fixed site at open air market St. Joseph Str c/w Main Str Victoria."*. Licenzja li nharget wara li l-attur kien ghamel applikazzjoni mal-pulizija *"....to hawk fresh fish by means of a tray at a fixed site in St. Joseph Street c/w main Sqr Victoria and store the unsold at Govt Cold Store limits of Victoria."* (fol. 37). Min-naha tal-Kummissarju tal-Artijiet kien baghat igharraf lill-pulizija li: *"..... in view that the licence is for a fixed hawker this does not concern this department."* (fol. 36). Is-site minn fejn kellu jopera l-attur u minn fejn kien jopera, tidher fis-site plan a fol. 40 (dokument li jinsab fil-file tal-pulizija relatat mal-hrug tal-licenzji).
d. Jirrizulta li l-attur dejjem hadem mill-istess posta.
e. Il-Kunsill konvenut iddecida li l-attur ghandu jibda jopera bhala bejjiegh bil-posta faccata l-posta minn fejn kien jopera, u cjoe' minn fejn qieghed jopera llum il-gurnata (ara ritratti a fol. 14 u 15). Dan kien ghal habta ta' nofs Gunju 08. Jirrizulta li permezz ta' ittra legali datata 26 ta' Gunju 2008 (fol. 27), l-attur kien ipprotesta mal-kunsill konvenut u ddikjara li ser jiehu passi gudizzjarji sabiex jipprotegi l-interessi tieghu.
f. L-ispazju minn fejn kien jopera l-attur ma gie allokat lil hadd u fil-fatt jidher li m'huwiex markat bhala posta.
g. L-attur qieghed jikkontesta d-decizjoni mehuda mill-Kunsill Lokali in kwantu jsostni li din hi *ultra vires* il-poteri moghtija lill-istess kunsill.

2. Minn qari tar-rikors guramentat hu evidenti li l-attur jikkontesta d-decizjoni mehuda mill-Kunsill konvenut li permezz taghha geghlu jcaqlaq mill-posta minn fejn ghamel snin jiggestixxi n-negozju. Il-qorti hi tal-fehma li l-ordni li nghatat mill-kunsill konvenut tikkwalifika bhala "eghmil amministrattiv"[1], u bhala tali hi sindakabbli mill-

[1] *"eghmil amministrattiv" tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika.".*

qorti ai terminin tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. L-attur isostni li l-ordni tal-kunsill hi *ultra vires* ghaliex twettaq minn awtorita' li m'ghandix l-awtorizazzjoni sabiex twettqu. L-attur ibbaza l-kawza fuq l-argument li fil-kaz in kwistjoni japplika r-regolament 13 tal-Avviz Legali 1 tas-sena 2006[2], u ghamel riferenza ghall-paragrafu (4) li jipprovdi:-

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan ir-regolament, u bla ħsara għas-subregolament (5) ta' dan ir-regolament, meta tinħareġ liċenza taħt l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, il-kondizzjonijiet tal-liċenza relattivi għal dik il-liċenza għandhom jibqgħu japplikaw dwar dik il-liċenza, kemm-il darba d-detentur ta' liċenza ma jagħżilx, bħapplikazzjoni li ssir fuq il-formola adatta lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, li jkollu l-liċenza tiegħu maħruġa bħriferenza għall-kategoriji u tipi skond ma hemm imsemmi fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

Ghalhekk l-attur jippretendi li l-ebda tibdil ma jista' jsir fil-licenzja li kien inghata fl-1987 mill-pulizija, in kwantu skond dan ir-regolament ghandhom jibqghu japplikaw l-istess kondizzjonijiet.

Pero' l-Kunsill konvenut ghandu ragun jargumenta li dan ir-regolament ma jidhirx li japplika ghall-kaz ta' bejjiegha bil-posta fil-limiti ta' suq fil-berah, in kwantu qieghed fit-Taqsima II intestata *"Licenzar ta' Post Kummercjali"*. Min-naha l-ohra bejjiegha bil-posta fil-limiti ta' suq fil-berah huma regolati fit-Taqsima III tal-istess Avviz Legali, u r-regolament 31 (li jinsab ukoll f'Taqsima III) jipprovdi liema mir-regolamenti li hemm fit-Taqsima II japplikaw *mutatis mutandis* ghal Taqsima III[3]. Ir-regolament 13 ma jissemmix. Ghalhekk jidher li r-regolament li fuqu l-attur ibbaza l-kawza ma japplikax ghall-bejjiegha bil-posta f'suq fil-berah, kif wara kollox hu l-attur. F'tali cirkostanzi tfalli ghal kollox il-bazi tal-azzjoni tal-attur.

---

[2] Regolamenti ta' l-2006 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Licenzi tal-Kummerc.

[3] *"Id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 7, 8, 9(1), 11, 12, 14(4), 16, 20, 20, 21, 22, 23 u 24, daqstant kemm dawn ikunu japplikaw, ghandhom ikunu mutatis mutandis japplikaw ghal licenzi mahruga taht din it-Taqsima."*.

F’kull kaz il-qorti ghandha r-rizervi taghha kemm iregi l-argument tal-konvenut li l-posta li kien inghata mill-pulizija tikkwalifika bhala wahda mill-kondizzjonijiet tal-licenza. Gialadarba l-attur ghandu licenza ta’ bejjiegh bil-posta f’suq fil-berah (*fixed hawker*), hu ovvju li l-awtorita’ kompetenti kellha taghtih posta biex ikun jista’ jezercita l-kummerc skond il-licenzja. Pero’ l-kondizzjonijiet huma dawk elenkati minn paragrafu (a) ‘il quddiem u fejn jinghad: ***“The licensee shall abide by the following conditions......”***. Kondizzjonijiet li huma mposti biss fuq id-detentur tal-licenzja u mhux fuq l-awtorita’ li qeghda tohrog il-licenza.

3. Min-naha l-ohra l-Kunsill konvenut qieghed jippretendi li ghandu kull jedd li jalloka posta differenti. F’dan il-kuntest ghamel riferenza ghall-Artikoli 14(1) u 24 ta’ l-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc (Kap. 441), u r-regolamenti 26(1) tal-Aviz Legali 1 tal-2006 u 5 tal-Avviz Legali 119 tal-2002. Hu fatt li meta dahal fis-sehh l-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc (Kap. 441), l-allokazzjoni tal-posti giet fdata f’idejn il-Kunsill Lokali. Minn qari tal-provvedimenti li ghamel riferenza ghalihom il-kunsill, jirrizulta li:-

a. L-ghoti ta’ licenzja tal-kummerc wahedha ma tatix il-jedd lid-detentur li jaghmel attivita’ kummercjali minn post fiss f’suq fil-berah. F’dan ir-rigward hemm bzonn l-awtorizazzjoni minn qabel u bil-miktub tal-Kunsill Lokali tal-lokalita fejn jinsab is-suq fil-berah; u

b. L-allokazzjoni tal-post fiss tinghata mill-Kunsill Lokali tal-lokalita.

Qabel l-introduzzjoni tal-Kap. 441, il-posti kienu jigu allokati mill-pulizija[4]. Ghalkemm mill-provi rrizulta li l-attur kien sa mill-1987 qieghed jopera minn post fiss allokat lilu mill-Pulizija, dan il-fatt wahdu ma jidhirx li hu bizzejjed sabiex jeskludi l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Att

[4] Ara xhieda ta’ PS73 Josef Camilleri (fol. 34) u Artikolu 191 tal-Ligijiet ta’ Pulizija (Kap. 10) li gie mhassar bl-introduzzjoni tal-Att dwar Licenzi tal-Kummerc (Kap. 41) [Att XXVII tal-2001].

XXVII tal-2001 (cjoe’ Kap. 441) fir-rigward tal-post minn fejn ghandu jopera d-detentur tal-licenza. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li licenzja hi ghall-**perjodu definit** u d-detentur qieghed jokkupa spazju pubbliku. Fil-fehma tal-qorti l-fatt li persuna ghandha licenzja ghall-perjodu ta’ sena sabiex topera minn post fiss ma jfissirx li ghandha **‘cens perpetwu’** fuq dak il-post irrispettivament tar-ragunijiet li setghu wasslu lill-awtorita’ sabiex talloka post iehor fl-istess suq. Min-naha l-ohra pero’ b’daqshekk ma jfissirx li l-awtorita’ ghandha xi *carte blanche* jekk taghzel li talloka post iehor lill-bejjiegh bil-posta fis-suq, u li d-diskrezzjoni li tezercita m’hijiex sindikabbli. Il-qorti ma taqbilx ma’ dik il-part tar-risposta guramentata (paragrafu 3) fejn jinghad li ***“......ir-rikorrenti m’ghandux dritt li jindaga jew jitlob stharrig dwar din id-diskrezzjoni moghtija bil-ligi lill-Kunsill.”*** (fol. 3). Ghalkemm fin-nota ta’ sottomissjonijiet l-attur ittratta wkoll il-kwistjoni taht l-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12, il-qorti hi tal-fehma li fir-rikors guramentat l-attur rabat kollox mar-regolament 13 tal-Avviz Legali 1 tal-2006 fis-sens li l-Kunsill Lokali wettaq eghmil li ma kellux awtorizazzjoni li jwettqu skond l-imsemmi regolament. Tant dan hu minnu li f’nota li pprezenta fil-5 ta’ Novembru 2008 (fol. 17) ghamel riferenza ghal nota li pprezenta fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 46/2008 u spjega li d-drittijiet tieghu huma regolati mil-ligi li ghamel riferenza ghaliha fin-nota li pprezenta fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni. Fl-imsemmija nota l-attur ibbaza l-argument tieghu **biss** fuq ir-regolament 13 tal-Avviz Legali 1 tal-2006 u kkonkluda li: *“...... **il-licenzja tieghu ghandha tibqa’ tigi regolata precizament bl-istess kondizzjonijiet li kienu vigenti qabel tali promulgazzjoni**. Fi kliem is-subparagrafu 5 ‘m’ghandu jithalla isir ebda tibdil, zieda, jew xi emenda ohra f’dik il-licenzja’..... **din il-projbizzjoni hija assoluta u generali, tapplika kemm fil-konfront tal-esponenti, kif ukoll fil-konfront tal-awtorita’ regolatorja.** U tinkludi anke il-post minn fen l-esponenti ghandu jiggestixxi in-negozju tieghu.”* (enfazi tal-qorti).

Il-qorti m’ghandix dubju li l-kawza ma gietx proposta fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12. Tant hu hekk li fl-ebda parti tal-premessi tar-rikors guramentat,

l-attur ma accenna li l-eghmil tal-kunsill sar ghal ghanijiet mhux xierqa jew li gie msejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti, u wisq inqas ma jissemma x'kienu dawn l-ghanijiet jew kunsiderazzjonijiet. Paragrafu numru 10 tar-rikors guramentat hu marbut mal-paragrafi precedenti u li fihom l-attur spjega kif il-kunsill ma kellu l-ebda awtorita' li jalloka posta alternattiva minhabba li mar kontra r-regolament 13 tal-Avviz Legali 1 tal-2006. Il-qorti hi tal-fehma li m'ghandux ikun li fil-kors tas-smiegh tal-kawza l-attur jibdel jew izid ma' dak li jkun il-bazi tal-azzjoni li jkun ippropona. Principju li japplika wkoll ghall-konvenut. Inoltre, fir-rikors guramentat ma saret l-ebda riferenza ghal xi provvediment iehor (ezempju provvediment tranzitorju) li jirregola l-posizzjoni ta' dawk il-bejjiegha bil-posta fil-limiti ta' suq fil-berah li nghataw licenza qabel id-dhul fis-sehh tal-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc. Dan minkejja li fil-premessi tar-rikors guramentat ippremetta li l-agir tal-kunsill konvenut *"....hu mod iehor kuntrarju ghall-ligi."*[5] minghajr ma ddikjara kif.

4. F'kull kaz il-qorti temmen li ghandha taccenna li ghandha dubji serji kemm il-posta allokata lill-atturi hi idoneja sabiex minnha jsir bejgh ta' hut frisk. L-indikazzjoni hi li r-raguni principali ghalfejn il-kunsill alloka post iehor lill-attur kien minhabba l-ilmenti li saru mis-sid ta' Bellusa Bar li ghandu imwejjed u siggijiet fuq il-bankina biswit il-posta minn fejn kien jopera l-attur. Jista' jkun hemm ukoll ragunijiet ohra, bhal fatt li l-posta minn fejn kien jopera l-attur kienet iktar centrali u l-hut minnu nnifsu jiggenera certu rwejjah u nkonvenjent. Il-kunsill argumenta li dan l-ezercizzju sar *"....sabiex tigi regolarizzata z-zona u biex jintlahaq bilanc bejn ir-rejalijiet kollha tal-pjazza."*. Argument mhux car u l-qorti tistqarr li ma tifhmux. Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-kunsill sar ukoll accenn li traffiku kien wiehed mill-fatturi li l-kunsill ikkunsidra fit-tehid tad-decizjoni, skond l-Avviz Legali 119 tal-2002 fil-hin tan-negozju t-toroq ghandhom ikunu maghluqin ghat-traffiku. Fir-ritratti a fol. 14 u 15 jidhru l-gradilji tal-hadid vicin il-posta u wkoll fil-posta li giet

[5] Artikolu 10.

allokata lill-attur. Gradilji li qeghdin iservu bhala ventilaturi ghall-latrina li hemm fl-istess triq u li tinsab taht it-triq. Fl-imsemmija latrina l-ventilazzjoni hi biss minn dawn il-fethiet fl-art. Id-dhul ghall-latrina hu mit-tarag li jidher fir-ritratt Dok. JB1 a fol. 14. Il-magistrat sedenti kellu l-opportunita’ li jmur fuq il-post. Il-qorti qeghda taghmilha cara li m’hijiex tghid li l-kunsill ma kellux dritt jezercita diskrezzjoni li jibdel il-posta tal-attur, jew li d-decizjoni li ttiehdet kienet ghal ghanijiet mhux xierqa jew bazata fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Id-dubji li qeghda tissolleva jirrelataw ghal posta alternattiva li giet allokata lill-attur. Mill-provi jirrizulta li qabel ittiehdet id-decizjoni l-Kunsill ma talabx parir minghand id-Dipartiment tas-Sahha[6]. Il-qorti m’ghandix dubju li meta alloka l-posta alternattiva, il-kunsill ma ghamel l-ebda kunsiderazzjoni dwar l-igene tal-ikel u l-possibilita’ ta’ xi kontaminazzjoni. Inoltre, lanqas ma qies l-inkonvenjent li jista’ jsofri d-detentur tal-licenzja u l-haddiema tieghu, fir-rigward tal-irwejjah li johorgu mil-latrina mehud in konsiderazzjoni li qeghdin joperaw proprju minn fuq il-ventilaturi tal-arja. Ghalkemm il-kunsill jargumenta li m’hemmx differenza bejn il-posta fejn qabel kien qieghed jopera l-attur u l-posta l-gdida peress li huma biss ftit passi ‘l boghod minn xulxin[7], il-qorti m’hijiex tal-istess fehma minkejja li hu minnu li hemm distanza qasira bejn iz-zewg posti. Illum il-posta tal-attur qeghda proprja fuq il-gradilji li jservu bhala ventilazzjoni ghal latrina pubblika. Post li fil-fehma tal-qorti jidher li m’huwiex addattat sabiex minnu jigi ezercitat negozju ta’ bejgh ta’ hut frisk, u l-kunsill kellu l-obbligu wkoll li jqies dan il-fattur sabiex jimminimizza l-possibilta’ ta’ kontaminazzjoni tal-ikel.

5. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li l-qorti hi tal-fehma li skond l-Att dwar il-Licenzi tal-Kummerc, l-attur kellu jedd jappella mid-decizjoni tal-Kunsill. L-Artikolu 26 jipprovdi:-

---

[6] Ara xhieda ta’ Frank Tabone (sindku) seduta tal-21/1/2009 (fol. 57).

[7] F’dan il-kuntest ara ritratt Dok. JB3 a fol. 15 fejn bil-marka “X” tidher fejn kienet il-posta minn fejn qabel kien jopera l-attur u jidher ukoll fejn bhalissa qieghed jopera l-istess attur.

*"Jista' jsir appell minn decizjoni ta' Kunsill Lokali dwar permess jew awtorizzazzjoni mehtiega taht din it-Taqsima jew skond regolamenti maghmulin tahtha skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima II ta' dan l-Att, u ghal dawk l-ghanijiet il-Kunsill Lokali jitqies li jkun l-awtorità regolatorja."*.

B'hekk jidher ukoll li kien jezisti mod ta' kif jinkiseb rimedju mill-eghmil amministrattiv, u cjoe' quddiem Bord tal-Appell[8].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' l-ewwel erba' (4)[9] eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

---

[8] Konsiderazzjoni li qeghda ssir in vista tal-Artikolu 469A(4) tal-Kap. 12: *"Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra."*.

[9] Bil-kwalifiki li ghamlet fil-parti tal-konsiderandi tas-sentenza.